Ref: Seduta 12#17/01/07/V

# MINUTI TAT-TNAX IL-SEDUTA

**It-Tnax il-seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 17 ta' Jannar, 2007** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi-Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Assenti (Imsiefer):** | **Martin Debono A&CE** |

**Deputat Segretarju :** **Stefania Friggieri (Segretarju Eżekuttiv, Lino Bartolo bis-*sick leave*)**

Is-seduta bdiet fl-4.30pm b'din l-agenda

1. **Qari u Approvazzjoni ta' Minuti**
2. **Materji konessi mal-Minuti**
3. **Komunikazzjonijiet (korrispondenza u ħlas ta' pagamenti)**
4. **Komunikazzjonijiet/mistoqsijiet lis-Sindku/ Segretarju Eżekuttiv**
5. **Deċizjoni dwar it-Tender tat-Trasport Ċirkolari**
6. **L-iżvilupp dwar il-proġett propost tal-Crowne Plaza ġewwa Tigne`**
7. **Skema għall-parkeġġ residenzjali (RPZ)**
8. **Affarijiet Oħra**

**1.Qari u approvazzjoni tal-minuti ta' l-aħħar seduta**

Il-Minuti ta' l-aħħar seduta ġew meħuda bħala moqrija u approvati.

**2. Materji konessi mal-Minuti**

2.1 Il-Viċi Sindku Albert Bonello Dupuis ġibed l-attenzjoni li l-iskart mhux jinġabar fil-ħin kif kien miftiehem fit-*tender*. Informa wkoll li qegħdin jużaw uħud mit-trukkijiet tas-SouthWest, kif ukoll li mhux kull truck għandu l-emblema tal-Kunsill Sliema. Il-kunsillier J. Galea żied ukoll li l-ħaddiema mhux qegħdin jużaw ingwanti. Id-deputat segretarju infurmat li diġa kellna diversi ilmenti fuq dawn il-punti,

u l-kuntrattur jiġi infurmat b'mod regolari. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jikteb lill-kuntrattur fuq dawn il-punti imsemmija hawn fuq. Madankollu, fuq din in-nota l-kunsilliera Marianne Aquilina u l-kunsillier Nikki Dimech qalu li rċivew diversi kummenti pożittivi dwar it-tibdil tal-ħin.

2.2 Il-kunsillier J. Galea ġibed l-attenzjoni dwar punt 3.3 ta' l-aħħar seduta, fejn issuġerixxa li għanda nibdew naħsbu għal xi proġett biex nużaw tajjeb il-ħamsin fil-mija li se joffru l-MTA. Fuq dan il-punt il-Kunsill iddeċieda li jressaq dan is-suġġett fis-seduta li jmiss fejn kulħadd ikun preparat jissuġerixxi xi proġett nistgħu nagħmlu.

2.3 Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis reġa ġibed l-attenzjoni dwar il-garaxxijiet li hemm fi Triq Depiro. Is-Sindku infurmat li ktibna lill-ADT pero għadna nistennew risposta. Fuq dan il-punt il-kunsillier N. Dimech issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-MEPA fejn niddiskutu magħhom kif qegħdin jingħataw il-permessi għall-garaxxijiet, għax meta resident jiġi b'kopja tal-permess tal-MEPA sabiex ikollu linja safra jkunu diġa ħarġu l-measurements mill-MEPA. F'din il-laqgħa l-Kunsill għandu jistaqsi biex fejn hu possibbli qabel ma jinħareġ il-kejl, jikkonsiddraw li ma tintilifx *parking bay.*

Fuq dan il-punt il-kunsilliera M. Aquilina rrimarkat li l-Kunsill ma jistax jibqa jistenna l-Awtoritajiet biex jagħtuna r-risposti. Fakkret ukoll li hemm *reserved parking* fi Triq Blanche Huber li għadha ma tneħħietx, filwaqt li riċentament tneħħew żewġ *reserved parkings* fl-istess triq. Is-Sindku infurmat li għadna qegħdin nistennew risposta mill-ADT dwar dan. Il-Kunsill iddeċieda, li jekk jibqa ma jirċevix risposta għal dawn iż-żewġ każijiet imsemmija hawn fuq fi żmien ġimgħatejn, jaqbad u jieħu deċizjoni meħtieġa.

Il-kunsillier M. Briguglio staqsa ġewx riveduti r-*reserved parking* u jekk il-Kunsill jirċiviex rapporti dwar dawk li jiġu riveduti kull sena. Is-Sindku infurmat li fl-aħħar laqgħa li kellhom ma' l-ADT, infurmaw li ġew riveduti kif ukoll li r-regolamenti ġew diskussi biex il-permess ikun iżjed diffiċli biex jingħata. Pero ma jibgħatulniex l-informazzjoni kull sena. Il-Kunsill għandu jitlob li jkollu rapport ta' kull każ meta tgħaddi s-sena u jkun se jiġi rivedut, sabiex il-Kunsill ikun jista jagħti *feedback* tiegħu lill-ADT.

2.4 Dwar punt 3.11 il-kunsillier M. Briguglio qal li l-Kunsill għandu jsejjaħ laqgħa oħra mal-MEPA speċifikamat dwar il-*local plans* ġenerali li qegħdin joħorġu bla konsultazzjoni. Is-Sindku ssuġġeriet li nsaqsu lill-MEPA jekk hux possibbli li din tiġi diskussa fil-laqgħa li se jkollna nhar il-31 ta' Jannar, 2007. Jekk dawn ma jaċċettawx nerġgħu nitolbu laqgħa oħra din id-darba fil-Kunsill Tas-Sliema.

2.5 Il-Kunsillier M. Briguglio reġa fakkar dwar il-*bye laws* tal-*catering establishments* (punt 2.3 ta' l-aħħar seduta). Id-deputat segretarja infurmat li fakkret kemm il-darba l-avukat kemm verbalment kif ukoll bl-*email.*

2.6 Is-sotto kumitat għax-xogħol li se jsir b'kollaborazzjoni mal-Gvern Ċentrali (punt 2.10 ta' l-aħħar seduta) is-sotto kumitat għandu jiltaqa' nhar l-Erbgħa 31 ta' Jannar 2007 fl-4pm.

2.7 Il-kunsillier N. Dimech fakkar dwar il-punt (4.7 ta' l-aħħar seduta). Fejn il-kunsillier M. Debono A&CE kellu jikteb *draft* ta' ittra ġenerali għall-kuntratturi li jkunu se jagħmlu xi żvilupp. Peress li l-kunsillier M. Debono ma kienx preżenti għax imsiefer, għandu jiġi mfakkar malli jiġi lura. Dwar l-ittra li kellu jagħmel l-avukat għal tar-residenti l-Kunsill għandu jinfurmah.

**3. Komunikazzjonijiet (korrispondenza u ħlas ta' pagamenti)**

***Ħlas ta' pagamenti***

Il-pagamenti minn cekk numru 8271 sa 8352 ġew approvati.

3.1 Ittra mill-MEPA dwar it-talba ta' *Mozzarella Restaurant* għal estensjoni ta' bankina u għall-imwejjed u siġġijiet fix-Xatt ta' Qui-Si-Sana. Il-Kunsill ġie infurmat li dan għandu każijiet pendenti l-Qorti. Il-Kunsill iddeċieda li ma jistax jagħti l-kummenti tiegħu dwar dan, qabel ma jiġi konformi mal-liġi.

3.2 Talba minn *Curtain Raiser Thetare Troupe* għal permess biex issir attivita` oħra taħt is-Sliema *Playing Field* nhar it-18 ta' Frar bejn is-2pm u l-5.30pm. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

3.3 Ittra mill-*General Cleaners Co Ltd* fejn infurmaw li huma lesti li jieħdu ħsieb li jbiddlu l-bins li hemm matul il-*promenade* fejn huma jieħdu ħsieb il-manutenzjoni u l-Kunsill jieħu hsieb li jbattalhom b'mod regolari. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan, b'kundizzjoni li l-MTA jiġu infurmati sabiex il-bins li hemm jitpoġġew f'post ieħor.

3.4 Żewġ rapporti mit-tabib Anton Briffa dwar ir-*reserved parking* ta' Dolores Engerer fi Triq San Ġużepp u Pauline Bannister fi Triq Ġorġ Borġ Olivier. Il-Kunsill iddeċieda li m'għandhomx jingħataw u għal l-aħħar każ il-Kunsill issuġġerixxa li għandhom jużaw il-garaxx ta' ħdejn id-dar.

3.5 *Email* mill-kunsillier M. Briguglio f'isem ir-resident Timmy Gambin fejn staqsa jekk *Stella Maris Butcher* għandux permess għall-cctv u għall-*generator* li għandom fuq il-bankina. Il-Kunsill għandu jiċċekkja ma' l-ispettur tal-pulizija.

3.6 *Email* mill-kumpanija *Leon Promotions* fejn issuġġerrew li l-attivita` *Notte Bianca* ssir f'Tas-Sliema. Il-Kunsill irid jara iżżed dwar dan minħabba li tinvolvi ħafna xogħol. Is-Sindku għandha tkellem ukoll lill-MTA.

3.7 Ittra mill-Federazzjoni Klabbs tal-Boċċi (Malta) fejn wieġbu lill-Kunsill (meta talabhom għal pjanti fejn jista jsir dan il-klabb), li huma m'għandhomx iżjed xi jżidu ma' l-informazzjoni li diġa tawna. Il-Kunsill qal li ma jistax jagħti l-kunsens mingħajr m'għad hemm il-possibbilta` ta' post addatat.

3.8 *Email* mill-Lukanda Victoria Sliema, fejn talbu li jitwaħħlu żewġ tabelli (fejn ir-*roundabout* ta' Triq Dingli u l-oħra fuq il-bankina ta' Triq Borġ Olivier) sabiex jindikaw li għandhom parkeġġ għall-pubbliku. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan fuq kundizzjoni li jirrikklamaw darbtejn fis-sena fil-magazine 'Tas-Sliema'.

**4. Komunikazzjonijiet/mistoqsijiet lis-Sindku/ Segretarju Eżekuttiv**

4.1 Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar l-*objections* li nirċievu l-uffiċċju biex inressquhom lill-MEPA f'isem ir-residenti. Il-Kunsillier M. Briguglio rrimarka li l-problema hi, l-MEPA ma tantx jagħtu ċans biex nibgħatu l-oġġezzjoni jew kummenti. Madankollu l-Kunsill irid jiddeċiedi b'mod kollettiv bħal kull deċiżjoni oħra.

4.2 Is-Sindku infurmat li resident ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-*bycicles* li jkun hemm iduru matul il-*promenade* u li din hija kontra l-liġi. Fuq dan il-punt il-kunsillier M. Briguglio sostna li dawn m'ghandhomx jitneħħew għax il-Kunsill m'għandux jiskorraġġixxi l-*green transport*. Il-Kunsill jaqbel mal-*green transport* pero huwa konxju għall-fatt li jistgħu jkunu perikolużi għal min ikun qiegħed jimxi fejn ġieli ġraw inċidenti. Issemma wkoll li hemm diskussjonijiet dwar il-*bycicle lanes* li jistgħu jsiru fi Triq it-Torri. Is-Sindku infurmat li ma nistgħux nistennew iktar minħabba l-fatt li l-Kunsill huwa responsabbli għall-incidenti li jistgħu jinqalaw. Il-Kunsill qabel li għandna nsaqqsu l-avukat x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill f'din is-sitwazzjoni. Sadanitant għandna ninfurmaw lill-pullizija biex jinfurzaw il-liġi u jagħmlu ronda għal min isuq fuq il-*promenade* mingħajr attenzjoni.

4.3 Il-kunsillier L. Vella rrimarka dwar il-kuntrattur li ħadem fi Triq Nazzarenu fejn dan irid jirranġa l-bankina kif kienet. Il-kuntrattur qiegħed jgħid li mhux responsabbli għal dan, iżda mhux il-każ. Il-kunsillier L. Vella qal li għandna ninfurmaw lir-residenti li l-kuntrattur huwa responsabbli, għax qegħdin jiġu misinfurmati.

4.4 Il-kunsillier L. Vella staqsa meta se jiġu rranġati t-toroq fejn qalgħu l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Is-Sindku infurmat li konna diġa kellimna lill-Eng. Galea St John fejn infurmana li kienu se jsiru dalwaqt.

4.5 Id-deputat segretarja infurmat li ħarġu l-avviżi għat-*tender* tal-van u għall-kwotazzjoni għall-editur Tas-Sliema. Il-bord tat-*tender* se jkun magħmul mis-Sindku Marina Arrigo, mill-Viċi Sindku Albert Bonello Dupuis u mill-kunsilliera Luke Vella u Marianne Aquilina u se jiltaqa` nhar il-Ħamis 1 ta' Frar, 2007 f'nofs in-nhar għall-ftuħ u għal deċiżjoni tat-*tender*. Għal kwotazzjonijiet ta' l-Editur m'hemmx għalfejn jinħoloq bord.

Id-deputat segretarja infurmat ukoll li ħareġ l-avviż għal post tas-Segretarju Eżekuttiv u l-applikazzjonijiet iridu jintefgħu sa nhar it-Tnejn 5 ta' Frar, 2007. Il-Kunsill kien diġa iddeċieda li l-bord se jkun magħmul mill-Kunsill kollu. Sabiex l-applikazzjonijiet jiġu *short listed* il-membri se jiltaqgħu nhar l-Erbgħa 7 ta' Frar, 2007 fl-4pm.

4.6 Il-kunsillieri Michael Briguglio, Margaret Azzopardi u Julian Galea ressqu żewġ proposti li ġew diskussi fis-sotto kumitat ta' l-ambjent, li hemm proposti għall-iżvilupp għad-djar ġewwa Triq Katidral u Triq Tonna. Il-kunsillier M. Briguglio informa li dawn id-djar huma fl-UCA (*Urban Conservation Area*) u l-applikazzjonijiet huma kontra r-regolamenti tal-MEPA. Il-Viċi Sindku rrimarka li l-Kunsill m'għandux joġġezzjona għal kollox. Il-Kunsill qabel, peress li dawn huma prottetti għandu jibgħat l-oġġezzjoni tiegħu. Il-kunsillier M. Briguglio għandu jibgħat r-raġunijiet lill-Kunsill biex nibgħatuhom lill-MEPA.

Fuq dan il-punt is-Sindku M. Arrigo staqsiet lill-Kunsill jekk għandux jieħu *stand* li fejn jara li hemm dawn id-djar protetti joġġezzjona lill-MEPA. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.7 Il-kunsillier M. Briguglio ppropona li jitwaħħlu żewġ *bollards* fin-niżla tal-Pebbles Lido ġewwa Qui-Si-Sana biex il-pubbliku ma jibqax jitfa skart goff. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jitwaħħlu.

4.8 Il-kunsilliera M. Azzopardi infurmat li l-Maltapost plc waħħlu tabella li ma ġietx taqbel mal-faċċata tagħhom. Il-kunsilliera M. Azzopardi għandha tikteb lill-Maltapost.

4.9 Il-kunsilliera M. Azzopardi ġibdet l-attenzjoni dwar Lm9000 ta' l-*Urban Improvement Funding* biex il-Kunsill jara xi proġett jista jagħmel biex nutillizzawhom sew.

4.10 Id-deputat segretarja infurmat li s-Sinjura Althea Muscat talbet lill-Kunsill tistax ma tibqax taħdem bir-*reduced hours* u terġa tibda taħdem bħala *full timer.* Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u għandha tibda mill-1 ta' Frar, 2007 bil-ħinijiet tal-uffiċċju mit-8am sa' l-5pm.

4.11 Is-Sindku infurmat li Fr Cini tas-Salesjani għandu xi kotba li jistgħu jinxtraw għall-Librerija *Margaret Mortimer*. Il-Kunsill jaqbel li għandu jixtri kotba addatti u n-nefqa ma taqbiżx il-Lm150. Il-Kunsill għandu jsaqsi lill-librara x'tip ta' kotba għandha bżonn.

4.12 Is-Sindku infurmat li kella diversi ilmenti mir-residenti ta' Triq Blanche minħabba l-*bring-in-sites* li kienet se titwaħħal fejn l-iskola Primarja. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jiltaqa` mar-residenti konċernati sabiex tinstab alternattiva dwar dawn il-*bring-in-sites*. Il-kunsillier M. Briguglio staqsa meta se jiġu mpoġġija l-kumplament li nħarġilhom il-permess. Il-kunsill għandu jsaqsi lill-Wasteserv dwar dan.

4.13 Is-Sindku infurmat lill-kunsilliera M. Aquilina u L. Vella li kellha diversi suġġerimenti minn residenti sabiex isiru korsijiet ta' nutrizzjoni u dwar il-Ewro. Il-kunsilliera inkarigati għandhom jieħdu ħsieb.

**<u>5. Deċiżjoni dwar it-tender tat-Trasport Ċirkolari</u>**

5.1 Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis qal li għandu informazzjoni konkreta mill-MEPA, li se jipprovdu bus sa' massimu ta' Lm 35,000 sabiex il-Kunsill jużah għal dan it-tip ta' trasport. Il-Kunsill għandu jikteb lis-Sur Chris Ciantar tal-Ministeru tal-Affarijiet Rurali.

5.2 Il-bord iltaqa` fit-3 ta' Jannar, 2007 ma' l-applikanti. Id-deputat segretarju ippreżentat rapport (mehmuż doc A) dwar dan.

L-applikanti kienu dawn:

*Faith Garage*
*Paramount Garages*
*Supreme Travel Ltd*
*Zarb Coaches*

Il-Kunsill qabel li din it-*tender* għandha tingħata lis-*Supreme Travel Ltd* għal sena.

5.3 Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jbiddel il-ħin u r-rotta la darba se jinbidel is-servizz.

## 6. L-iżvilupp dwar il-proġett propost tal-*Crowne Plaza* ġewwa Tigne`

6.1 Il-kunsillier M. Briguglio staqsa jekk li l-iżviluppaturi ta' dan il-proġett humiex jimxu skond id-*development brief.* Uħud mill-kunsilliera qalu li rridu nagħtuh ċans jibda sabiex inkunu nistgħu nivverifikaw. Madankollu, sabiex iserraħ ras ir-residenti, l-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-MEPA sabiex jiżgurawna li jaraw li l-iżviluppaturi jimxu eżatt mad-*development brief.* Il-Kunsill għandu jistaqsi wkoll hux possibbli li jibgħatulna l-pjanti.

6.2 Fuq dan il-punt il-Kunsill se jitlob lill-MEPA għall-laqgħa pubblika fil-Kunsill stess għar-residenti konċernati dwar dan il-proġett sabiex ikunu iżjed infurmati.

## 7. Skema għall-parkeġġ residenzjali (RPZ)

Il-Kunsill iddeċieda li dan is-suġġett jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

## 8. Affarijiet Oħra

8.1. Il-kunsillier L. Vella ġibed l-attenzjoni li kull membru tas-sottu kumitat għandu jkollu l-karta ta' l-identita` fuq Tas-Sliema. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan, minbarra l-kunsillier M. Briguglio għaliex qal li għalih ma tagħmilx differenza minn fejn wieħed ikun la darba jaħdem għal Tas-Sliema.

Is-seduta ngħalqet fis-7.10pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal-21 ta' Frar 2007 fl-4.30pm.

**Stefania Friggieri**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**

DOC 'H'

The Board members had a meeting with the four applicants on Wednesday 3rd January, 2007 starting at 4pm, to verify some information.

Present for the meeting:

| | |
|---|---|
| Mayor | Marina Arrigo |
| Councillors | Nikki Dimech |
| | Margaret Ann Azzopardi |
| | Michael Briguglio |
| Deputy Secretary | Stefania Friggieri |

Councillors Martin Debono A&CE and Marianne Aquilina as other board members could not attend.

The present members were presented with the evaluation below:

| Applicant | Description | Amount | Remarks |
|---|---|---|---|
| **Faith Garage – St Venera** | Ten Seater<br>Seventeen Seater | Lm4.75 per trip vat exc.<br>Lm6 per trip vat exc | |
| **Paramounth Garages - Mosta** | Mini Bus | Lm4.85 per trip | Modern vehicles, air conditioned and equipped with a two-way radio linked to their offices. |
| **Supreme Travel Ltd – Zejtun** | Eighteen seater + 4 wheelchairs | Lm7.08 per trip inc. Sundays and Public Holidays inc. VAT | Minibuses are not older than 5 years to keep a friendly environment.<br><br>2 drivers to know the routes properly to avoid delays |
| **Zarb Coaches – B'Kara** | Monday to Friday (0800-1700)<br><br>Monday to Friday after 5pm<br><br>Sat/Sun/P/H | Lm4.90<br><br>Lm5.50<br><br>Lm5.50 | Provide a tailift van for persons with special needs but price is quoted on request |

**Members present clarified the following:**

**Faith Garage**

- Faith Garage remarked that prices should have been vat included not vat excluded as marked in the tender. However the board could not accept this fact due to that once the tenders were open and amounts were distributed to other applicants it would be unfair.
- One or two drivers depends on the shift
- Vehicles not very old approximately 5 years and the 17 seater will arrive in a month's time.
- With regards to access for disability a tailift is not available wheelchairs have to be folded.
- Prices include for public holidays and Sundays.
- Route and time can be changed any time according to the Council's need

**Paramounth Garages**

- The price is vat included, including public holidays and Sundays.
- Mini vans available (14 seater and 18 seater)
- With regards to access for disability a tailift is not available wheelchairs have to be folded.
- Vehicles are around 4 years old.
- One or two drivers depends on the shift
- Route and time can be changed any time according to the Council's need

**Supreme Travel**

- Route and time can be changed any time according to the Council's need
- With regards to access for disability a tailift is available (for 4 people) all the time

**Zarb Coaches**

- Prices including vat
- The price is quoted for 14 seater van
- Route and time can be changed any time according to the Council's need
- One or two drivers depends on the shift

They all have 24hour contact

**Note:**

The board members proposed Supreme Travel Ltd due to offering the complete service providing a tailift for disabled people at one price inc. Sundays and Public Holidays.

Other applicants do not offer a tailift and prices varies as above.

## Proposed New Schedule as follows:

**Monday to Saturday**

| Winter (hours) | Summer (hours) |
|---|---|
| 0830 | ~~0830~~ 0900 |
| 0930 | ~~0930~~ 1130 |
| ~~1130~~ 1230 | ~~1130~~ 1230 |
| 1830 → 1430 | 2000 |
| | 2300 |

**Note:**

**The present schedule is from Monday to Friday**

| | |
|---|---|
| Winter | 0830, 0930, 1100, 1230, 1830, 2145 |
| Summer | 0830, 0930, 1100, 1230, 1830, 2145, 2300 |